KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 62 (II) , miżmuma nhar il-Erbgħa 04 ta' Lulju 2018 , ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Anne Fenech Sindku
- Daniel Grima Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Joseph Vella Kunsillier
- Alfred Grima Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Dounia Borg Kunsillier
- Robert Piscopo Kunsilier
- Edward Bugeja Kunsilier

Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar Kunsillier
- Rodney Galea Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

## Minuti 62 (II)

### 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku qrat l-ittra ta' apologija tal-Kunsillier Mandy Buhagiar fejn informat li skużata.

### 62.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsillera

**World Cup Road Show**
Il-Kunsilliera Alfred Grima u Paul Bugeja talbu l-isem ta min ippropona il-ħin, id-data u l-post tal-attivita WorldCup Roadshow.

Is-sindku spjegat li m'għandiex risposta u li diġa talbet din l-informazjoni iżda ma rċiviet l-ebda risposta s'issa. Kif ikollha risposta ser tintbgħat lill-Kunsilliera kollha permezz ta' imejl.

### 62.6 Tenders /Quotations

**Evaluation Reports**

Il-Kunsilliera Graziella Galea ikkomunikat li meta kienet imsiefra irċiviet telefonata min għand l-Ex Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv Elke Sghendo titloba sabiex tkun parti mil-bord tal-evalwazjoni.Il-Kunsillier Galea talbet li jekk kien ser ikun hemm tibdil fil-bord, dawn it-tibdil għandhom jitilgħu Kunsill. Talbet lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv jivverifikaw li r-rapporti huma skond ir-regola.

L-Kunsillier Alfred Grima qal li l-persuni tal-bord kienu approvati mil-Kunsill.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq Point of Order fejn qal li r-recording mhuwiex għal-iskrivani izda għas-Segretarju Eżekuttiv u dan għandu jitħassar wara li jsiru l-minuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li biex issir evalwazzjoni irid jkun hemm nies tekniċi, iżda mhux kull Kunsill għandu addispozizzjoni tiegħu dawn in-nies.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq *Point Of Order* fejn qal li kien hawn nies tekniċi li ġew imqabda jgħamlu evalwazzjoni u dawn ma kienux kapaċi.

Il-Kunsillier Graziella Galea titlob lis-Sindku u Is-Segretarju Eżekuttiv jivverifikaw li l-Bord tal-Evalwazjonijiet qiegħed *in order* u li jekk jkun hemm xi tibdil dawn għandom jitilgħu Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv appellat li qiegħed isir it-taħriġ rigward l-EPPS u tħeġġeġ l-Kunsilliera biex jattendu.

**T09-2018 – Professional services of a legal consultant to the San Pawl il-Baħar Local Council.**

Is-Sindku bdiet titkellem dwar l-evalwazjoni tas-sejħa għal-offerti Nr. T09/2018 . L-Evalwazzjoni saret minnha stess flimkien mal-Kunsillier Paul Bugeja u l-Avukat Larry Formosa, filwaqt li l-Viċi Sindku Daniel Grima u L-Ex Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv kienu c-Chairperson u s-Segretarju rispettivament. Kompliet billi qrat l-offerti kif ġej;

No 4 – €7,456
No 3 – €6,750
No 2 – €3,790
No 1 - €1,549

Is-sindku ssospendiet il-laqgħa għal ftit minuti sakemm jiġu diskussi l-offerti.

Il-Kunsill talab biex jittieħed vot ta' min hu favur jew kontra r-rapport ipprezenta :

6 Favur ir-rapport (cheapest compliant)

Is-Sindku Anne-Marie Fenech, Il-Viċi Sindku Daniel Grima, Il-Kunsilliera Paul Bugeja, Graziella Galea, Antoinette Bezzina, u Dounia Borg

2 Kontra
Il-Kunsilliera Robert Piscopo u Joseph Vella

3 Astenzjonijiet
Il-Kunsilliera Alfred Grima, Edward Bugeja u Stephen Cremona

B'referenza għal vot meħud l-offerta ġiet adġudikata lil No.1 - €1,549 (ID 94857)

Il-Kunsillier Robert Piscopo ivvota kontra għaliex, a) Il-Bord kellu jkun magħmul minn rapprezentanti tal-Kunsill biss u, b) Fl-offerta mantalbux in-numru ta' snin t'esperjenza.

Il-Kunsillier Paul Bugeja vvota favur ir-rapport iżda jekk dan l-Avukat magħzul ikollu involviment dirett politiku huwa ma jaqbilx li għandu jintgħazel.

**T01-2018 - Professional Services of a Qualified Accountant**

Is-Sindku bdiet titkellem dwar l-evalwazjoni tas-sejħa għal-offerti Nr. T01/2018 . L-Evalwazzjoni saret minnha stess flimkien mal-Kunsillier Paul Bugeja u l-Avukat Larry Formosa, filwaqt li l-Viċi Sindku Daniel Grima u L-Ex Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv kienu c-Chairperson u s-Segretarju rispettivament. Kompliet billi qrat l-offerti kif ġej;

No 3 – 13,440 yearly
No 2 – 10,846 yearly
No 1 – 5,759 yearly

Il-Kunsillier Graziella Galea talbet id-data tal-ewwel laqgħa tal-evalwazzjoni li kienet l-1 ta' Ġunju 2018

Is-sindku ssospendiet il-laqgħa għal ftit minuti sakemm jiġu diskussi l-offerti.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tiġi adġudikata skond ir-rapport (The cheapest compliant) No.1 €5,759 (ID93679)

**T08-2018 -Provision of Low Emission Transport for the Elderly – San Pawl il-Bahar Local Council**

Is-Sindku bdiet titkellem dwar l-evalwazjoni tas-sejħa għal-offerti Nr. T08/2018 . L-Evalwazzjoni saret minnha stess flimkien mal-Kunsillier Paul Bugeja u l-Avukat Larry Formosa, filwaqt li l-Viċi Sindku Daniel Grima u L-Ex Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv kienu c-Chairperson u s-Segretarju rispettivament.

Il-Kunsillier Graziella Galea talbet id-data tal-ewwel laqgħa tal-evalwazzjoni li kienet nhar il-23 ta' Mejju 2018

Is-Sindku kompliet tispjega li f'din is-sejħa tal-offerti, l-evalwazzjoni taż-żewġt offerenti kienet Technically Non-Complaint minħabba nuqqas ta' informazzjoni ta' dak li ntalab.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta ma tiġiex adġudikata u li s-sejħa tal-offerti għanda terħa tinħareġ minħabba ir-raġunijiet imsemmijien.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li qabel ma jiġu ppublikati s-sejħirt tal-offerti, id-dokument għandu jintbgħat lil-Kunsilliera għal verifikazzjoni tagħom. Kompla, billi talab li r-rapporti li jiġu prezentati għandom jiġu ffirmati.

Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li f'dan il-kaz, ir-rapport tal-evalwazzjoni ta' din is-sejħa partikolari għandha tiġi aġġornata bl-informazzjoni li ġie diskuss waqt din il-laqgħa

**T10-2018 - Professional service of a contracts manager**

Is-Sindku nformat li għal din is-sejħa tal-offerti ma kien hemm ebda offerent u għalekk kien hemm qbil unanimament li din is-sejħa għanda terġa tiġi ppublikata.

Il-Kunsillier Alfred Grima propona li ssir laqgħa nformali fejn jiġu diskussi s-sejħiet tal-offerti. Kien hemm qbil unanimu.

### 62.3.2 Reprezentant/a fuq ir-Regun ta' Tramuntana

Is-Sindku Anne Marie Fenech informat li hi stess ser tieħu din il-pozizzjoni, billi għamlet referenza għad-dokument li talbet li wkoll bagħtet kopja tiegħu lil-Kunsilliera kollha permezz ta' imejl.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ġibed l-attenzjoni li fir-Reġjun Tramuntana hemm rappreżentanti li qedin fil-kariga kontra il-liġi li filfatt kienet qedgħa tagħmel referenza għalija s-Sindku. Il-Kunsillier Alfred Grima ssekonda dan.

Il-Kunsillier Graziella Galea rrimarkat *Out of Order* għaliex dan is-suġġett huwa parti mil-komunikazzjoni mis-Sindku.

Il-Kunsillier Paul Bugeja talab li tintbat ittra, fejn tispjega li r-Reġjun Tramuntana mhuwiex ifformulat skond il-liġi u l-Kunsillier Alfred Grima ssekonda, kif ukoll talab li jkun ikkupjat b'din l-korrispondenza li ntalbet tintbgħat.

Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li qedin jittieħdu voti llegali mir-Regjun Tramuntana li huwa filfatt responsabbli tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

### 62.3.3 Mobility Community

Is-Sindku nformat li ġiet riċevuta imejl mil-AKL sabiex il-Kunsill jieħu sehem f'konferenza stampa li ser tiġi organizzata. Ġie nformat ukoll li wara li ssir din l-konferenza ser isir komunikat mal-Kunsill sabiex l-Kunsilliera jgħatu proponimenti ta' x'jista jsir u kif il-Kunsill jista jgħin f'din l-attivita. Kien hemm qbil.

### 62.3.4 Hargiet Kulturali

Is-Sindku kkomunikat li dawn il-ħarġiet kulturali mhumiex ser jibqgħu jsiru minħabba s-sħana tas-sajf.

Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li l-Kunsillier li kienet inkarigata ta' dawn il-ħarġiet kurtulari qabel ma ġie fformulat l-Bord tal-attivitajiet għanda tikkordina mal-istess bord sabiex jaslu għal proposti varji. Kien hemm qbil.

### 62.5 Rapporti

Is-Sindku spjegat li l-bord tal-attivitajiet talab li l-budget għal-attivitajiet jiżdied għal €25,000 minn €17,000 minħabba li ċertu attivitajiet bħal dawk tal-Milied kif ukoll tal-Karnival diġa ħadu parti sostanzjali tal-fondi. Dan huwa skond programm li ġie pjanat min issa sa' Marzu.
Kien hemm qbil li r-rapport għandu jiġi prezentat fil-laqgħa li jmiss.

### 62.5 Rapporti – Claims

Is-Sindku spjegat li l-Bord tal-Claims huwa magħmul mil-Kunsilliera Stephen Cremona, Ropert Piscopo u Dounia Borg.

Kompliet tispjega li kien hemm 8 claims li ma ġewx aċċetati għal raġunijiet varji u li l-claims li ġew aċċettati jammontaw għal madwar €3222,32.

Il-Kunsillier Joseph Vella qal li għandu fiduċja fil-bord u jaqbel mad-deċizjonijiet li ittieħdu u rringrazja il-bord tax-xogħol li wetqu.

Il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li meta l-Kunsill ser iwieġeb lil dawn il-persuni l-Kunsill għandu l-ewwel net jiskuza ruħu tad-dewmien, u t-tieni net, ir-risposti għandom ikunu kollha l-istess. Filwaqt it-tweġiba tal-Kunsill lil-dawk l-claims li ma ġewx approvati għandom ikollom raġuni għalfejn dawn filfatt ma ġewx aċċettati.

## 62.6 Tenders /Quotations

**Go Mobile**
Ġiet preżentata il-quote tal-kumpanija Go Mobile rigward is-servizzi tal-internet għal-uffiċju Amministrattiv. Kien hemm qbil biex tinstab kumpanija serja u ngħamlu is-servizzi tal-Kunsill magħom.

**Van Tipper**
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kellhom jiltaqgħu hu flimkien ma Kunsillier ieħor biex jaraw eżattament x'vetturi hemm bżonn għal Kunsill biex jopera kif suppost. Il-Kunsillier Paul Bugeja qabel.

Is-Sindku spjegat li din is-sitwazzjoni trid tiġi solvuta kemm jista jkun malajr. Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li bħalma kien hawn sejħa tal-offerti għal Bulky tal-emergenza u jekk hemm il-bżonn din s-sejħa għanda terġa tiġi rivokata.

Il-Kunsillier Joseph Vella ppropona biex inċemplu l-insuarnce biex naraw kemm hi stmata il-karozza sabiex tkun tista' tiġi skrapjata.

17.55 – Il-Kunsillier Dounia Borg tithol fil-kamra
17.55 – Il-Kunsillier Rodney Glaea tithol fil-kamra

Il-Kunsillier Paul Bugeja għamel punt li l-Onorarja tal-Kunsilliera għanda titla Kunsill għal approvazjoni.

Il-Kunsillier Paul Bugeja issuġġerixxa li fuq l-Aġenda tiddaħħal Matters Arising

## 62.7 - Tmiem il-laqgħa w aġġornata għal nhar L-Erbgħa 18 ta' Lulju 2018

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ____________________ | _________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |